



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Frar 2020
(OR. en)

5325/20

ACP 3
PTOM 2
FIN 22

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' FEŻ) għas-sena finanzjarja 2018
----------	--

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta' ...

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet
tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' FEŻ)
għas-sena finanzjarja 2018**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹, kif emendat l-aħħar,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-Finanzjament u l-Amministrazzjoni tal-Għajnuna tal-Komunità permezz tal-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha iffirmit f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat KE¹ (il-"Ftehim Intern") li jistabbilixxi, fost oħrajn, id-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp ("id-disa' FEŻ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu tal-2003 applikabbli għad-9 Fond ta' Żvilupp Ewropew², u b'mod partikolari l-Artikoli 96 sa 103 u 119 tiegħu,

Wara li eżamina l-kont tad-dħul u tal-infiq u l-karta tal-bilanċ relatati mal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2018 u r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) dwar is-sena finanzjarja 2018, flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni³ li jinsabu f'dak ir-Rapport Annwali,

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

² ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

³ ĠU C 340, 8.10.2019, p. 269.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Ftehim Intern, il-kwittanza għall-amministrazzjoni finanzjarja tad-disa' FEŻ għandha tingħata lill-Kummissjoni mill-Parlament Ewropew fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.
- (2) L-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ matul is-sena finanzjarja 2018 kienet sodisfaċenti,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Parlament Ewropew jagħti lill-Kummissjoni kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tad-disa' FEŻ għas-sena finanzjarja 2018.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
